MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 124/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anna Cassar**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 599555 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnha, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar id-9 t'Ottubru 2011, nhar il-15 t'Ottubru 2011 u nhar is-16 t'Ottubru 2011, meta hekk ordnata mill-qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Raymond Cassar għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 338 (II) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta'

Malta, il-Qorti sabet lill-appellanti ħatja u għaldaqstant ikkundannatha xahar priġunerija.

3. Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fit-12 ta' Marzu, 2012, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellanti nstabet ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u tiġi liberata minn kull imputazzjoni u ħtija, u alternattivament u fl-eventwalita` illi l-Qorti ssib ħtija, tirriformaha kwantu għall-piena.

4. Fliet l-atti kollha proċesswali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

(a) Illi fl-ewwel lok u bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi għas-segwenti raġunijiet.

L-artikolu relevanti tal-Kodici Kriminali li tiegħu l-appellanti nstabet ħatja jgħid testwalment hekk fit-test Ingliz *when ordered by a Court or bound by contract to allow access to a child in his or her custody, refuses without just cause to give such access.* L-elementi tar-reat in dizamina u li jridu jiġu ppruvati mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi f'kawżi kriminali huma tlieta u cioe`: i. Illi l-esponenti għandha l-kustodja tat-tifel, ii. Illi l-esponenti hija marbuta b'kuntratt, jew b'ordni ta' Qorti, iii. Illi l-esponenti rrifjutat li tagħti aċċess lil żewġha ta' binha minghajr raġuni ġusta.

Illi l-kuntratt tas-separazzjoni tat-13 ta' Lulju 2007 jistipula fi klawsola numru (3) illi l-esponenti għandha l-kura u l-kustodja tat-tifel tagħha Daniel li fl-1 ta' Novembru 2012 jagħlaq tmintax-il (18) sena. Klawsola 3 (a) imbagħad tistipula l-modalita` tal-aċċess. Saħansitra l-artikolu 3 (c) jistipula illi li *f'kaz għal xi raguni valida t-tifel minuri ma jkunx jista` jżur lil missieru fil-ġranet ta' aċċess fuq imsemmija, dawk il-ġranet ta' aċċess għandhom safejn ikun raġjonevolment possibbli jiġu sostitwiti bi ġranet oħra*

*bi ftehim bejn il-partijiet, b'dan pero' li jekk il-ġurnata ta' aċċess għall-minuri hi lejlet xi eżami tal-minuri, dik il-ġurnata ma tiġix sostitwita b'oħra.*

Illi l-ewwel żewġ elementi tar-reat jirriżultaw ampjament mill-kuntratt tas-separazzjoni esebit in atti. Jibqa` pero` t-tielet u l-ahhar element x'jigi ppruvat u ċioe` jekk l-appellanti rrifjutat li tagħti lil żewġha Raymond Cassar aċċess ta' binhom Daniel ta' 17- il sena u li se jkollu 18-il sena fl-1 ta' Novembru 2012 u dan mingħajr raġuni ġusta.

A rigward l-access tad-9 ta' Ottubru, 2011 jirriżulta mill-affidavit ta' WPS 198 Jennyfer Caruana, illi għall-ħabta ta' l-10.00 a.m. Daniel għamel kuntatt ma' missieru fejn qallu li kien se jittardja xi kwarta, u anke ftehmu biex iwasslu xi mkien fuq proġett tal-iskola, iżda sas-13.30 p.m. ibnu baqa` ma marx. Jirriżulta wkoll illi l-minuri kien ċempel lil missieru biex jgħidlu li kellu proġett li jrid ilestieh dak in-nhar. Qallu wkoll illi jekk ilesti mill-proġett imur żgur. L-appellanti spjegat lill-ufficjal tal-Pulizija illi Daniel wasal id-dar mill-proġett fil-15.45 hrs u ried jerga` jmur iż-Żejtun fis-6.00 p.m. Hi kompliet tgħid illi Daniel qiegħed jagħmel minn kollox sabiex xorta jmur għand missieru, allavolja l-għada kellu t-test tal-Biology u homework rapport bl-Ingliż. Mid-depożizzjoni li tat l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti rriżulta illi l-minuri, li llum għandu sbatax-il sena, minħabba impenji skolastici, għażel jagħmel il-proġett peress li huwa sixth former fil-Kullegg De La Salle u għalhekk għażel li ma jmurx jara lil missieru fil-ġurnata indikata. Hawn si tratta ta' ġuvni sixth former, indipendenti sa ċertu punt, jirċievi stipendju sabiex ma jibqax jiddependi minn ommu u minn missieru, u mhux si tratta ta' tifel ta' ħames snin. Ġuvni ta' sbatax-il sena li jiddeċiedi ma jeżerċitax l-aċċess għal raġunijiet ovvji, mhux ġust li tieħu l-kolpa l-omm għaliex ma wasslitux għand missieru. Ġuvintur ta' sbatax-il-sena huma llum ferm indipendenti u ma tistax tindaħlilhom f'ħajjithom. Kieku l-ġuvni ried verament imur jara lil missieru seta` għamel hekk jew billi talab lil ommu twasslu jew lil zitu Myriam Busuttil jew kien jaqbad il-karozza tal-linja u jmur jara lil missieru, jew addirittura l-missier imur għalih. Minn imkien ma rriżulta li l-esponenti żammitu minn idu biex ma

jmurx jara lil missieru jew b'xi mod ostakolat l-access. Li Daniel ma marx jara lil missieru kienet l-għażla libera tiegħu. X'setgħet taghmel l-omm wieħed jistaqsi f'ċirkostanzi simili, taqbad ġuvni ta' sbatax-il sena minn xagħru u ddaħħlu ġol-karrozza tagħha u tikkonsenjah lil missieru? Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-Qorti ma għamlitx differenza bejn minuri ta' ħames snin u ġuvni ta' sbatax-il sena u nofs.

L-Ewwel Qorti skartat l-għażla libera ta' l-iben li ma jżurx lil missieru fil-ġurnata indikata u erronjament interpretat in-nuqqas ta' l-aċċess bħala att kriminali kommess mill-omm billi rrifjutat li ma tagħtix aċċess lill-missier ghal raguni valida fil-liġi. Wieħed ikun qiegħed jumilja tifel ta' sbatax-il sena li għandu element qawwi ta' maturita` u edukazzjoni, kif ukoll diskrezzjoni fil-ġudizzju tiegħu li ġġiegħlu jagħmel xi ħaġa kontra l-volonta` tieghu. F'xenarju tipiku, tifel ta' sbatax-il sena jekk irid jara lil missieru se jsib il-mezz tiegħu kif jagħmel dan minkejja l-oppożizzjoni ta' ommu jekk ikun il-każ, u ta' dik l-eta`, ġuvni jista` faċilment jagħżel li jmur jgħix mal-ġenitur l-ieħor jekk ma jkunx qiegħed jaqbel jew qieghed jiddejjaq jgħix mal-ġenitur li tiegħu jkollu l-kustodja, ħaġa li l-minuri Daniel ma għamilx. Ma kienx gust li l-Ewwel Qorti addebitat il-htija lill-omm ghall-ghazla libera ta' l-iben. Bid-dovut rispett, il-kontroll li omm tista` teżerċita` fuq binha ta' hames snin huwa ferm differenti mill-kontroll li tista` teżerċita fuq ġuvni ta' sbatax-il sena.

A rigward il-jiem tal-15 u s-16 ta' Ottubru, 2011, skont l-istess affidavit jingħad hekk : *Il-kwerelant qal li huwa kellu għeluq sninu nhar il-15 ta' Ottubru u skont il-klawsola numru 3 (d) ta' dan l-imsemmi kuntratt, suppost kellu jkollu aċċess dak inhar ukoll. Huwa qal li la dak inhar u lanqas l-għada l-Ħadd ma ngħata l-aċċess skont il-kuntratt. Huwa qal li kien ftiehem mat-tifel pero` dan baqa` ma marx u meta kien ċempel lit-tifel, kien qallu li ma kellux min iwasslu u hu qal lil ibnu li jiġi mal-ewwel cans pero` baqa` ma marx. Il-kwerelant meta mistoqsi qal li huwa ma kellimx lil martu fuq dan.*

Mill-imsemmi affidavit għandu wkoll jirriżulta illi l-appellanti kienet estranea għall-ftehim li sar bejn il-missier u l-iben. Jekk l-iben ma żammx kelmtu mal-missier għal raġunijiet spjegati minħabba raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iskola, ma għandhiex tieħu l-kolpa l-appellanti. Li kieku l-missier ried verament jeżerċita l-aċċess kien messu mar għal ibnu hu stess fir-residenza tal-omm u jieħdu miegħu. Kien ikun xenarju kompletament differenti u aġir kriminuż li kieku l-missier mar għal ibnu u l-omm irrifjutatlu l-aċċess jew ostakolat l-aċċess b'mod attiv jew passiv.

Illi ġaladarba ma ġiex ippruvat illi l-appellanti ostakolat l-aċċess hi kellha tiġi liberata mill-imputazzjoni.

(b) Illi fit-tieni lok kwantu għall-interpretazzjoni legali tal-kelma, f'kawżi kriminali l-interpretazzjoni tal-kelma għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Li l-minuri ma rax lil missieru ma tekwivalix għal rifjut da parti tal-omm. Li l-omm xi minn daqqiet tiddefendi lil binha fl-għażla tiegħu, ma jfissirx b'daqshekk li l-omm kienet qegħda b'mod dirett jew indirett tirrifjuta li ma tagħtix l-access lill-kwerelant.

(ċ) Illi fit-tielet lok kwantu għal piena, fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel żewġ aggravji, l-piena erogata kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

7. Rat iż-żewġ affidavits ta' WPS 198 Jennyfer Caruana a fol 5 a u fol 6 u 7 li fihom jidhru dawn id-dettalji.

8. Fid-9 t'Ottubru 2011 is-Sur Raymond Cassar qal li għall-ħabta tal-10.00 ibnu Daniel għamel kuntatt miegħu fejn qallu li ser jittardja xi kwarta u wkoll ftehmu sabiex iwasslu x'imkien fuq xi proġett tal-iskola, iżda sas-13.30 ibnu baqa' ma marx. Huwa pprova jagħmel kuntatt miegħu diversi drabi iżda t-telefon ċellulari ta' ibnu kien mitfi.

9. Min-naħa l-oħra s-sinjura Anne Cassar qalet li binha Daniel kien ċempel lil missieru biex jgħidlu li kellu proġett li ried ilestih dak in-nhar. Dan kien jikkonsisti f'intervisti,

ried firem u kummenti. Ried ilestih l-għada għax inkella kienu jnaqqsulu l-marki. Wieħed mill-persuni li kien ser jintervista kien bagħat e-mail lit-tifel biex imur fil-11.00 għaliex wara l-11.30am ma setax. Hija semgħet lil binha jgħid lil missieru 'ma nistax, irrid immur il-quddies, ma nafx kif ser inlaħħaq, irrid immur għand overseers tal-proġett, wieħed joqgħod Ħ-Attard u l-ieħor joqgħod iż-Żejtun.'

10. Fis-17 t'Ottubru, 2011, is-Sur Raymond Cassar kien irraporta li huwa iċċelebra għeluq sninu fil-15 t'Ottubru, 2011 u kellu dritt għall-aċċess għal ibnu u dan ma seħħx. L-aċċess lanqas ma seħħ il-Ħadd 16 t'Ottubru, 2011. Huwa kien ftiehem mat-tifel iżda t-tifel ma marx. Meta ċempel lit-tifel dan qallu li ma kellux min iwasslu u hu qal lit-tifel biex jiġi mal-ewwel ċans iżda dan ma marx. Il-kwerelant ma kienx kellem lil martu dwar dan.

11. Is-Sinjura Anna Cassar qalet li fis-17 t'Ottubru, 2011 Daniel kellu eżami tal-Chemistry għall-assessment u allura, skont il-kuntratt, il-ġurnata ta' qabel ma jmurx. Dwar il-15 ta' Ottubru, 2011 hija qalet li ma kinitx taf li l-kwerelant għalaq sninu u ried isir ftehim minn qabel għal sagħtejn. Is-Sur Raymond Cassar ma kienx kellimha dwar dan.

12. Rat ukoll l-okkorrenza a fol 9 u a fol 11.

13. Rat il-kuntratt ta' separazzjoni a fol 13 li għandu d-data tat-13 ta' Lulju 2007.

Ikkunsidrat

14. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni jipprovdi kif ġej:

*'3. Il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Daniel qed tiġi f'idejn il-mara b'dan li r-raġel ikollu dritt ta' aċċess għall-istess minuri fil-ġranet u ħinijiet segwenti:*

*a) Kull nhar ta' Ġimgħa mit-Tlieta ta' wara nofs in-nhar sas-sebgħa ta' filgħaxija u kull nhar ta' Ħadd mill-għaxra u nofs ta' filgħodu sas-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar, u b'dan li f'każ li l-imsemmi tifel ma jkunx spiċċa x-xogħol tad-dar mill-iskola (homework) ir-raġel għandu jassisti lit-tifel f'dan ix-xogħol. Dawn il-ħinijiet jistgħu jiġu varjati tul il-btajjel tas-sajf tat-tifel bi qbil bejn il-partijiet.*

*b) Il-mara tobbliga ruħha li twassal u terġa' tiġbor it-tifel mir-residenza tar-raġel fil-ġranet tal-aċċess tar-raġel, b'dan li f'każijiet meta l-mara għal raġunijiet validi ma tkunx tista' twasal it-tifel u tkun avżat lir-raġel minn qabel, ir-raġel jobbliga ruħu li jiġbru jew iwasslu hu.*

*c) F'każ li għal xi raġuni valida it-tifel minuri ma jkunx jista' jżur lil missieru fil-ġranet ta' aċċess fuq imsemmija, dawk il-ġranet ta' aċċess għandhom safejn ikun raġonevolment possibbli jiġu sostitwiti bi ġranet oħra bi ftehim bejn il-partijiet, b'dan pero' li jekk il-ġurnata ta' aċċess għall-minuri hi lejlet xi eżami tal-minuri, dik il-ġurnata ma tiġix sostitwita.*

*d) Ir-raġel ikollu aċċess għat-tifel għal sagħtejn kull darba fis-segwenti okkażjonijiet speċjali, f'għeluq snin ir-raġel stess, f'għeluq snin it-tifel, f'Jum il-Milied, nhar l-Ewwel tas-Sena, u meta r-raġel ikollu kunċert fejn ikun se jdoqq il-pjanu. F'dawn il-ġranet partikolari ir-raġel għandu jiġbor it-tifel mir-residenza tal-mara u l-mara għandha tieħdu lura.'*

**Xhieda tal-missier**

15. Il-missier xehed li fil-ġranet in kwistjoni t-tifel kellu jmur għandu. L-appellanti naqset li tieħu lit-tifel. Darb'oħra kien ukoll ftiehem mat-tifel biex imorru Għawdex flimkien u imbagħad irċieva telefonata minn għand martu li ibnu ma riedx imur.

16. Fid-9 t'Ottubru 2011 ibnu kien ċempillu li sejjer fil-11.00 a.m. iżda ommu ma ħallitux. Ipprova jċempel iżda

jew ma jirrispondux it-telefon jew taqa' l-linja. Skont il-kuntratt huwa suppost li jara t-tifel kull nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Ħadd.

17. Fil-15 t'Ottubru 2011 ix-xhud kellu l-birthday iżda lit-tifel xorta ma rahx minkejja li kien ħejja l-ikel.

18. Ġaladarba t-tifel beda jikber ix-xhud kien qallu biex imur jarah meta jrid hu. Huwa kien iffirma karta mat-tifel biex il-ħinijiet tal-aċċess ma jkunux marbutin ma' dawk tal-kuntratt iżda l-omm ma ffirmatx għax riedet timxi skont il-kuntratt. It-tifel ma baqax imur u ma kienx hemm kuntatti. Biex it-tifel ma jkunx jista' jiġi bdiet tibagħtu jattendi diversi privatijiet. Ma' kull test ma ġġiblux lit-tifel.

19. Fis-16 t'Ottubru 2011 ġara l-istess. Ma ngħata l-ebda spjegazzjoni għala t-tifel ma marx.

20. Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li beda jagħmel rapporti fl-għassa fis-sena 2011 għaliex martu kienet naqset li tibgħat it-tifel għal sitt xhur sħaħ.

21. It-tifel ma qallux li kellu jmur qabel il-privatijiet anzi qal li t-tifel huwa mhedded. Iżda ma kien qal xejn minn dan meta għamel rapport lill-Pulizija għax dil-kwistjoni tat-theddid kienet għadha ma ħarġitx.

22. Fil-15 t'Ottubru, 2011 huwa ma kienx mar għat-tifel għaliex suppost li t-tifel iġġibu l-mara.

23. It-tifel ma kien qallu xejn li fis-17 t'Ottubru 2011 kellu test tal-Chemistry.

24. It-tifel kien beda jikber u l-ftit li jitkellmu kienu jitkellmu ta' rġiel.

**Xhieda tal-omm.**

25. Fix-xhieda tagħha, l-omm qalet li illum it-tifel għandu 18-il sena. It-tifel kien għarraf 'il missieru biex imur it-Tlieta u l-Ħamis. It-tifel kellu proġett li ried jippreżentah it-Tnejn

inkella jitlef ħames marki u kellu ħafna tensjoni minħabba li l-overseers tal-proġett kellhom ħinijiet limitati fi x'ħin jarawh u bdew jibdlu l-ħin. Il-missier kien ċempillu li l-ewwel huwa hu (il-missier) u imbagħad l-istudju. It-tifel kien mar għand żewġha l-Ħamis u qallu li l-bqija tat-tmien sigħat seta' jagħmilhom il-Ħadd biss. Hija ċaħdet li lil binha kienet qaltlu biex ma jmurx għand missieru. Lil binha hija kienet tikkoreġih meta jgħid xi kelma fuq missieru li ma togħġobhiex.

26. Dak in-nhar ta' għeluq sninu l-missier naqas li jmur għat-tifel skont kif hemm fil-kuntratt.

27. Dwar is-16 ta' Ottubru, x-xhud qalet li l-għada t-tifel kellu l-eżami tal-Chemistry.

28. It-tifel kien għamel minn kollox biex isib ħin ħa jara 'l missieru.

29. Qabel is-sena 2011 ma kienx hemm problemi fuq l-aċċess.

30. Fil-kontro-eżami hija xehdet li matul is-sena 2011 il-missier kien qal lit-tifel li issa kellu l-eta' tiegħu u seta' jiddeċiedi hu. Matul il-ġranet imsemmija ix-xhud kienet għamlet minn kollox sabiex it-tifel jara 'l missieru. Il-missier lit-tifel kien jeħodlu l-mobile u għalhekk hija ma kinitx tista' tkellem lit-tifel. Hija u oħtha kienu dejjem iwassluh lit-tifel. L-overseer tal-proġett ma riedx jiltaqa' mat-tifel f'ħinijiet oħra. Hija dejjem imxiet mal-kuntratt u ma riditx timxi mal-karta li kien hemm proposta. Hija kienet għamlet rapporti lill-Pulizija meta t-tifel mar u lil missieru ma sabux fil-flat. Ix-xhud żiedet tgħid li meta t-tifel kien żgħir kien jobdi iżda llum mhux dejjem jobdi.

31. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Għal dik li hi Liġi.**

32. Għal dik li hija liġi l-artikolu 338 (ll) tal-Kap 9 jgħid hekk:

'meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;'

Min-naħa l-oħra l-artikolu 18 tal-Kap 9 jgħid hekk:

'Meta diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi'

Fl-aħħarnett l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap 9 jiddisponi kif ġej:

'it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet issir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.'

**Għal dawk li huma fatti**

33. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar apprezzament ħażin dwar il-fatti mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda li nstemgħet quddiemha, l-affidavits u l-kuntratt ta' separazzjoni. Illum it-tifel għalaq tmintax-il sena nhar 1 ta' Novembru 2012. Għalhekk t-tliet dati msemmija fiċ-ċitazzjoni jirreferu għal meta t-tifel kien qed joqrob is-sbatax-il sena.

34. Rat ukoll il-fedina penali tal-appellanti li fiha hemm imniżżlin żewġ sentenzi. It-tnejn jġibu d-data 27 ta' Settembru 2012. F'waħda il-Qorti lliberat b'kundizzjoni wara nuqqas li sar fl-1 t'April, 2011. Fis-sentenza l-oħra l-appellanti kienet ikkundannata tliet xhur priġunerija wara li

l-Qorti sabitha ħatja li naqset li tagħti aċċess għal ħafna drabi bejn it-3 ta' Diċembru 2010 u t-30 ta' Jannar 2011.

35. Quddiem il-Qorti nstemgħu biss ix-xhieda tal-missier u tal-omm u l-Qorti trid toqgħod fuq dak li qalu dawn ix-xhieda kif ukoll fuq l-affidavits li saru minn WPS 198 Jennyfer Caruna. Fi proċeduri kriminali, jitqiesu biss provi li għandhom x'jaqsmu mad-dati li jidhru fiċ-ċitazzjoni u mhux dak li ġara qabel dawn id-dati jew f'dati oħrajn.

36. Il-Qorti rat ukoll il-paragrafu (ċ) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Dan jitkellem dwar dati ta' aċċess meta dawn jaħbtu lejlet xi 'eżami'. Huwa tassew li t-tifel seta' kellu assignment x'jagħti l-għada tal-Ħadd, fil-jum tal-aċċess. Iżda jidher li mill-kelma li ntużat fil-kuntratt, il-partijiet ma kellhomx f'moħħhom li l-kelma 'eżami' ser tkun tfisser kull assignment u kull test li jsir għaliex kieku, bis-sistema ta' ħafna testijiet u assignments li saru parti mill-ħajja ta' istituzzjoni post sekondarja, jispiċċa biex l-aċċess ikun impossibbli għal disa' xhur mis-sena.

37. Fuq id-data **tad-9 t'ottubru, 2011**, l-appellanti tgħid li binha kien f'paniku minħabba li kellu proġett għat-Tnejn (10 t'Ottubru) u l-overseers bdew ibiddlu l-ħinijiet. Fl-affidavit a fol 7 hemm aktar dettalji dwar x'semgħet l-appellanti waqt li t-tifel kien qed ikellem lil missieru. (Ara aktar 'il fuq par.9)

.'

Barra dan il-missier kien qata' barra erbat ijiem mill-ġimgħa (it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt) u seta' jiltaqa' mat-tifel biss it-Tlieta u l-Ħamis. Imbagħad il-missier lanqas seta' jarah it-Tlieta. Għalhekk f'dik il-ġimgħa kien fadal biss il-Ħamis u sitt sigħat il-Ħadd.

38. Skont il-Liġi, biex ikun hemm ħtija tal-kontravenzjoni skont l-artikolu 338(ll) persuna trid tkun naqset li tagħti l-aċċess mingħajr raġuni xierqa. Mhux kull raġuni hija waħda xierqa. Għalhekk il-Qorti trid teżamina għaliex l-aċċess ma seħħx fil-jum imsemmi. Mix-xhieda tal-missier jirriżulta li t-tifel kien qallu li ser imur għal ħdax ta' filgħodu.

Minn dak li xehdet l-omm jidher li t-tifel beda jirċievi ħinijiet differenti minn għand l-overseers tal-proġett b'meeting minnhom jaħbat mal-ħin eżatt x'ħin kien jibda l-aċċess. Mill-atti jidher li tifel dak iż-żmien kien wasal biex jagħlaq sbatax-il sena u pprova jsib ħin alternattiv biex isir l-aċċess. Il-Qorti qed tikkonkludi li għall-ġurnata tad-9 t'Ottubru, 2011, ma jirriżultax li kien hemm xi rifjut da parti tal-omm biex tagħti aċċess lil missier mingħajr raġuni xierqa. iżda dan in-nuqqas ta' aċċess seħħ minħabba ċ-ċirkostanzi li nqalgħu dak in-nhar bla ma t-tifel kien qiegħed jistennihom. Il-Qorti qed tiddeċiedi li d-difiża ppruvat fuq livell ta' probabilita' li fil-jum imsemmi kien hemm raġuni xierqa għala l-aċċess ma seħħx. Għalhekk il-Qorit mhix issib lill-imputata ħatja ta' ksur tal-artikolu 338(ll) għal dak il-jum.

39. Dwar id-data tal-**15 t'Ottubru, 2011**, il-Qorti tinnota li din id-data ma kinitx taħbat mal-jiem tal-aċċess. Għalhekk, skont il-kuntratt, il-missier kellu jiġbor it-tifel mir-residenza tal-mara u l-mara kellha tieħdu lura. Il-missier jillamenta li ħadd ma kellmu iżda waqt li l-omm tgħid li ma kenitx taf li dak kien jum għeluq snin il-kwerelant. Fil-fehma tal-Qorti kien dmir l-appellanti li jsir dan l-aċċess. Dwar id-dritt tal-aċċess il-Qorti tal-Appell Kriminali' nhar is-17 ta' Frar 2005, intqal hekk:

*'Il-paragrafu 338(ll) tal-Kap 9 jimporta element ta' 'positive obligation' da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem ieħor, ma hux biżżejjed li ma jfixkilx l-aċċess tal-parti l-oħra iżda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja 'tagħti aċċess.*''[1]

40. Fil-fehma tal-Qorti fil-15 t'Ottubru 2011 hawn l-appellanti kienet fid-dmir tara x'arranġamenti kienu saru jew kellhom isiru biex binha jinġabar minn missieru f'għeluq snin dan tal-aħħar. La t-tifel kien għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena, il-kuntratt kien għadu jorbot la ma sarx ftehim ieħor. Lanqas m'hi skuża li wieħed ikun nesa l-birthday tal-parti l-oħra għaliex ikun għadda ħafna żmien minn meta tkun saret is-separazzjoni 'de facto' jew

[1] Il-Pulizija vs Isabelle Cilia 17 ta' Frar 2005 Qorti tal-Appell Kriminali.

‘de lege’. Għalhekk, bħall-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti qed issib ħtija taħt l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 għal dak il-jum.

41. Dwar is-**16 t’Ottubru 2011,** l-appellanti tgħid li peress li l-għada t-tifel kellu eżami tal-Chemistry għall-assessment, allura, skont l-istess kuntratt il-ġurnata ta’ qabel ma jmurx. Bir-rispett kollu l-Qorti ma hi xejn konvinta b’din ir-raġuni. Skont l-istess kuntratt l-omm kienet marbuta li twassal u terġa’ tiġbor lit-tifel mir-residenza tar-raġel fil-ġranet tal-aċċess tar-raġel u dan m’għamlitux bi skuża ta’ ‘eżami’ f’Ottubru, meta l-iskola tkun bil-ħniena bdiet. Mhux kull ‘test’ huwa ‘eżami’ u billi l-appellanti kienet taf li l-Ħadd ta’ qabel l-aċċess ma kienx sar, kienet altru fid-dmir li tagħmel minn kollox li twassal lil binha għand missieru kif kienet marbuta tagħmel bil-kuntratt u mhux tqis kull test bħala eżami biex teħles minn dak li kienet obbligata tagħmel. Għalhekk il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, qed issib lill-appellanti ħatja f’din il-parti tal-imputazzjoni li għandha x’taqsam mas-16 t’Ottubru 2011.

42. Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel aggravju in parti biss (dwar dik il-parti taċ-ċitazzjoni li għandha x’taqsam mad-9 ta’ Diċembru 2011) u tiċħad dan l-aggravju dwar iż-żewġ dati l-oħra.

43. Dwar it-tieni aggravju, biex tkun evitata ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għal dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti li għandu jgħodd ‘mutatis mutandis.’

44. Dwar l-aggravju li għandu x’jaqsam mal-piena, il-Qorti ser tipprovdi fil-konklużjoni.

## Konklużjoni

45. Id-dmir li jsir l-aċċess huwa wieħed serju ħafna kemm f’Malta kif ukoll f’pajjiżi oħra kif jidher fil-footnote.[2]

[2] If a court finds a person has breached a parenting order, without reasonable excuse, it may impose a penalty. Depending on the particulars of the case and the type of contravention, a court may, amongst other measures:

Hemm ukoll pġajjiżi li jikkontemplaw termini ta' priġunerija minħabba li tkun inkisret ordni ta' aċċess li tkun ngħatat mill-istess Qorti li tkun qed tisma' l-kawża ċivili. Tant li l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ikopri wkoll il-possibilita' ta' arrest jew detenzjoni :

'for non-compliance with the lawful order of a court or in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law.'[3]

46. **Għalhekk kull min hu marbut li jagħti l-aċċess lill-parti l-oħra, irid isegwi l-ordni tal-Qorti skrupolożament**.

47. F'dan il-każ il-Qorti qed tqis li llum l-iben li kellu jingħata aċċess għalih illum għalaq it-tmintax-il sena  u li qed tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju in parte u t-tielet aggravju kif ġej. Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Frar 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Anna Cassar' billi fil-waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja talli naqset li tagħti l-aċċess fil-15 t'Ottubru 2011 u fis-16 t'Ottubru 2011 u qed tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti  ħatja li ma tatx l-aċċess fid-9 ta' Diċembru 2011 u fejn ikkundannat lill-appellanti għal xahar

---

- compensate for time lost with a child as a result of the contravention
- require the person to participate in community service
- order that a fine be paid,
- order imprisonment.

http://www.familylawcourts.gov.au/wps/wcm/connect/FLC/Home/Court+Orders/Complying+with+orders+about+children/

[3] Ara dwar dan Jacobs, White and Ovey  'The European Convention on Human Rights' page 227 fejn jingħad hekk:

'The first limb authorizes detention for non-compliance with the lawful order of a court. This could mean arrest to secure attendance in court following a failure to comply with a summons, or imprisonment for failure to pay a fine, or to comply with an injunction or a child custody or maintenance order.

priġunerija u minflok, wara li rat l-artikoli 18, 338(ll) u 31(1)(g) tal-Kap 9, qed tillibera lill-appellanti minn dik il-parti tal-imputazzjoni li tirreferi għad-9 ta' Diċembru, 2012 u qed tikkundanna lill-appellanti tħallas multa ta' mitejn u ħamsin Ewro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------